

ECHA-17-B-07-MT

## Talbiet speċjali RIN



### SFOND

F'ċerti każi, esportatur jista' jsegwi proċedura simplifikata biex jinnotifika esportazzjoni ta' kimika PIC u biex jikseb numru ta' identifikazzjoni ta' referenza (RIN). Din il-proċedura hija magħrufa bħala *talba Speċjali RIN*. B'differenza għan-notifika dwar l-esportazzjoni, li hija meħtieġa 35 jum qabel l-esportazzjoni mistennija, ir-RIN speċjali tippermetti li l-esportazzjoni ssir minnufih.

It-talba Speċjali RIN tista' tiġi applikata għall-esportazzjonijiet li ġejjin:

- sustanza kimika tal-Anness I jew tal-Anness V esportata għal skopijiet ta' riċerka jew ta' analiżi, fi kwantitajiet ta' 10 kg jew inqas, kull sena u għal kull pajjiż li jimporta; 10 kg tirreferi għas-sustanza pura u għal 10 kg tas-sustanza f'taħlita;
- sustanza kimika elenkata fl-Anness I parti 3 li għaliha deċiżjoni pożittiva dwar l-importazzjoni tkun disponibbli fl-aħħar [Ċirkolari PIC](#);
- jekk il-pajjiż li jimporta jkun irrinunzja għad-dritt tiegħu li jirċievi notifikazzjoni dwar l-esportazzjoni għal din is-sustanza kimika/dawn is-sustanzi kimiċi kollha.

## TALBIET SPEĊJALI RIN BIL-MASSA

Meta l-esportazzjoni tiegħek tirrigwarda bosta sustanzi kimiċi u/jew bosta pajjiżi, tista' tressaq talba speċjali RIN bil-massa. It-talba speċjali RIN bil-massa tista' titressaq jekk:

- bosta sustanzi kimiċi se jkunu esportati lejn pajjiż wieħed;
- bosta sustanzi kimiċi se jkunu esportati lejn diversi pajjiżi; jew
- sustanza kimika waħda se tkun esportata lejn diversi pajjiżi.

## REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI

It-talbiet Speċjali RIN (individwali u bil-massa) jitressqu permezz tas-sistema PIC IT, ePIC.

Sabiex titressaq notifika ta' talba speċjali RIN, għandha tiġi pprovduta informazzjoni minima fl-ePIC, pereżempju: il-pajjiż li se jimporta, il-kimika/kimiċi li se jiġu esportati, id-data mistennija tal-esportazzjoni, l-użu maħsub, l-ammont annwali mistenni u d-dettalji tal-kuntatt tal-importatur.

Għal talba speċjali RIN bil-massa, l-esportatur għandu jispeċifika l-pajjiżi li se jimportaw, u s-sena tal-esportazzjoni fl-ePIC u l-bqija tal-informazzjoni (b'mod konformi ma' dak ipprovdut għal sottomissjoni individwali) għandhom jiġu inklużi fl-ispreadsheet(s) li tingħata/jingħataw lid-DNA u lid-dwana. Pereżempju, tista' tintuża din l-ispreadsheet: [http://echa.europa.eu/documents/10162/21731237/special\\_rin\\_request\\_template\\_en.xlsx](http://echa.europa.eu/documents/10162/21731237/special_rin_request_template_en.xlsx). L-esportatur johlq sottomissjoni waħda u wara dan it-talba għal kull pajjiż tiġi ttrattata bħala każ separat mid-DNA u jiġi ġġenerat RIN apposta għal kull każ.

## IMPORTANTI LI TIFTAKAR

- ! Huwa importanti li tagħżel 'Riċerka jew Analiżi' fit-taqsimi 'Użu maħsub' meta toħloq talba speċjali RIN.
- ! L-esportazzjonijiet kollha għandhom jissodisfaw individwalment il-kondizzjonijiet għal talba speċjali RIN.
- ! Is-sustanzi kimiċi tal-Anness I u V ma jistgħux jiġu sottomessi flimkien.
- ! L-Awtoritajiet Nazzjonali Maħtura (DNAs) għandhom id-dritt li jirrifjutaw it-talba Speċjali RIN bil-massa u li jitolbu lill-esportatur biex iressaq diversi talbiet Speċjali RIN individwali.

## AKTAR INFORMAZZJONI U GĦAJNUNA

Manwal tal-Industrija għall-Utent dwar il-PIC elettroniku (Sezzjoni 9):

- » [https://www.echa.europa.eu/documents/10162/21731237/epic\\_usm\\_industry\\_mt.pdf](https://www.echa.europa.eu/documents/10162/21731237/epic_usm_industry_mt.pdf)

Regolament dwar il-PIC (Artikolu 2(3)):

- » <https://www.echa.europa.eu/mt/web/guest/regulations/prior-informed-consent/legislation>

Gwida dwar il-PIC (Sezzjoni 4.2.9):

- » [https://echa.europa.eu/documents/10162/23036412/guidance\\_pic\\_mt.pdf](https://echa.europa.eu/documents/10162/23036412/guidance_pic_mt.pdf)

